

Kawża T-189/07

Frosch Touristik GmbH

vs

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern
(Trade marks u Disinni) (UASI)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja verbali FLUGBÖRSE — Data rilevanti għall-eżami ta’ raġuni assoluta ta’ invalidità — Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

Sentenza tal-Qorti tal-Prim’Istanza (Il-Ħames Awla) tat-3 ta’ Ġunju 2009 . . . II - 1505

Sommarju tas-sentenza

*Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet assoluti ta’ invalidità
(Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 51(1)(a))*

II - 1503

Id-data rilevanti għall-finijiet tal-eżami ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 40/94 dwar it-trade mark Komunitarja hija dik tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tat-trade mark ikkontestata. Il-fatt li l-ġurisprudenza taċċetta t-teħid inkunsiderazzjoni ta' elementi li seħħew wara din id-data, mhux talli ma jdgħajjix din l-interpretazzjoni tal-imsemmi artikolu, iżda jsaħħaha, peress li t-teħid inkunsiderazzjoni huwa possibbli biss bil-kundizzjoni li dawn l-elementi jikkonċernaw is-sitwazzjoni fid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tat-trade mark. Din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 40/94 hija l-unika interpretazzjoni li tevita li l-probabbiltà li t-trade mark titlef il-karattru reġistrabbli tiżdied skont it-tul tal-proċedura ta' reġistrazzjoni. Interpretazzjoni li biha l-kundizzjonijiet rikjesti għandhom ikunu soddisfatti fil-mument tal-applikazz-

joni għal reġistrazzjoni u jkomplu jkunu sodisfatti sar-reġistrazzjoni tat-trade mark twassal sabiex, għall-kuntrarju, ir-reġistrazzjoni tat-trade mark issir dipendenti, parzjalment, fuq avveniment każwali, jiġifieri, it-tul tal-proċedura ta' reġistrazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li din il-kunsiderazzjoni, ibbażata fuq it-tul tal-proċedura ta' reġistrazzjoni, hija waħda mir-raġunijiet għaliex l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94 kien ġie interpretat li jimponi li l-kisba ta' karattru distintiv permezz tal-użu ssir qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni ta' trade mark.

(ara l-punti 19, 20)